

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla, kompletament jew parjalment, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2020) 8138 finali, bid-data tas-17 ta' Novembru 2020, li tordna l-irkupru ta' flejjes ta' għotja ta' Orizzont 2020 li jammontaw għal EUR 161 990,80 flimkien mal-interessi, fir-rigward tal-perijodu awditjat, u tannulla n-nota ta' debitu msemmija fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni; jew
- sussidjarjament, tibgħat lura l-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidra u tiddeċiedi mill-ġdid il-livell iktar baxx ta' kwalunkwe tnaqqis (jekk hemm) li jista' jirriżulta b'mod xieraq fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja; jew
- iktar sussidjarjament, teżerċita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja stess biex tirrepeti l-aġġustament applikabbi li għandu japplika fid-dawl ta' kwalunkwe bidla magħmulu fl-ispejjeż él-ġibbli diretti u indiretti, kif il-Qorti Ġeneral tqis xieraq; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikiors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żabalji serji ta' liġi, ta' evalwazzjoni tal-fatt, ta' apprezzament, ta' nuqqas ta' raġunament u irregolaritajiet proċedurali fl-evalwazzjoni tal-konformità tar-rikorrent mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni tal-ħin fil-Ftehim tal-Għotja.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żabalji ta' liġi, apprezzament, u raġunament fin-nuqqas li jiġi żgurat li l-aġġustamenti magħmulu għall-ispejjeż iddikjarati kienu ġusti u proporzjonati fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2021 – Stichting Comité N 65 Ondergronds Helvoirt vs EEA

(Kawża T-005/21)

(2021/C 88/46)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Stichting Comité N 65 Ondergronds Helvoirt (Helvoirt, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: J. Gebruers, avukat)

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

Talbiet

- tiddikjara ammissibbli u fondat ir-rikiors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ikkomunikata lir-rikorrenti permezz ta' posta elettronika tad-9 ta' Novembru 2020, li tirrifjuta li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il-quddiem il-“Qorti tal-Ġustizzja”) domandi dwar l-interpretazzjoni korretta tal-punt 5 tat-Taqsima Ċ tal-Anness III tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (iktar 'il-quddiem id-“Direttiva dwar il-kwalità tal-arja”);
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tibgħat lura l-fajl lill-EEA sabiex hija tkun tista' tagħmel id-domandi neċċessarji lill-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-interpretazzjoni korretta ta' din id-dispożizzjoni, kif mitlub mir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-EEA għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja u tat-Taqsima Ċ tal-Anness III tagħha, ksur tal-Artikolu 267 TFUE, ksur tal-Artikoli 1 u 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (iktar 'il quddiem il-“Konvenzjoni ta' Aarhus”), ksur tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u ksur tal-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent, sa fejn l-EEA tirrifjuta li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi neċċesarji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja.
 - Taħt l-atti normattivi ċċitat, l-EEA kellha tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-mod kif aġixxiet l-EEA, u għaldaqstant id-deċiżjoni kkontestata, jiksru l-Artikoli 1 u 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Abbażi tal-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni, l-aċċess għall-ġustizzja għandu jiġi żgurat fil-livell Komunitarju.
 - L-għan tal-EEA huwa preċiżament li tipprovd informazzjoni ogġgettiva, affidabbli u komparabbli fil-livell Ewropew, li abbażi tagħha jistgħu mbagħad jiġu adottati l-miżuri neċċesarji għall-protezzjoni tal-ambjent. Dan ifisser ukoll li l-EEA għandha tkun f'pożizzjoni li tagħti parir korrett u legalment vinkolanti rigward id-dispożizzjoni rigward id-distanza massima tal-bankina, kif prevista fil-punt 5 tat-Taqsima Ċ tal-Anness III tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja, li, f'dan il-każ, ma huwiex possibbli jekk ma jsirux id-domandi neċċesarji lill-Qorti tal-Ġustizzja.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 47 u 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fuq ksur tal-Artikolu 191 TFUE sa fejn l-EEA tostakola d-dritt għal rimedju effettiv f'terminu raġonevoli quddiem qorti indipendent u imparzjali.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 267 TFUE sa fejn l-EEA ddeċidiet, minnflok il-Qorti tal-Ġustizzja, li d-domandi magħmula mir-rikorrenti manifestament ma kinu jaqtieġi risposta.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2021 – Apple vs EUIPO – Swatch (THINK DIFFERENT)

(Kawża T-26/21)

(2021/C 88/47)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Apple Inc. (Cupertino, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: I. Junkar, I. Fowler, M. Petersen u B. Lüthge, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Swatch AG (Biel, l-Iżvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenjużha: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjużha kkonċernata: It-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea THINK DIFFERENT – Trade mark tal-Unjoni Nru 671 321

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invaliditā

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Novembru 2020 fil-Każ R 2011/2018-4